

Brussell, 30 ta' Novembru 2023  
(OR. en)

16212/23

---

**Fajls Interistituzzjonali:**  
2023/0390(NLE)  
2023/0391(NLE)

---

**TRANS 558**  
**COWEB 154**

**NOTA PUNT "I/A"**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	ST 15254/23 + ADD 1 ST 15256/23 + ADD 1
Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport fir-rigward tal-adozzjoni tal-baġit tal-Komunità tat-Trasport għall-2024 DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea tal-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport fir-rigward tal-introduzzjoni ta' sett ta' regoli komuni dwar ir-rimborż tal-ispejjeż imġarrba minn persuni barra mis-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport li huma mistiedna jipparteċipaw fil-laqgħat tal-Komunità tat-Trasport – Adozzjoni

---

1. Fit-8 ta' Novembru 2023,<sup>1</sup> il-Kummissjoni Ewropea pproponiet żewġ abbozzi ta' deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar il-pożizzjonijiet tal-UE fil-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent, waħda bi tnejn għall-baġit għall-2024, l-oħra biex jittejjew bidliet fir-regoli dwar ir-rimborż tal-ispejjeż imġarrba mill-parteciċipanti għall-laqgħat tal-Komunità tat-Trasport li mhumiex impjegati mis-Segretarjat Permanenti. Id-deċiżjonijiet korrispondenti tal-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali huma fuq l-abbozz tal-aġenda għal-laqgħa tiegħu tal-11 ta' Diċembru 2023.

2. Il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport – Kwistjonijiet Intermodali u Networks iddiskuta l-proposta fit-28 ta' Ottubru 2022. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni spjega li d-deskrizzjonijiet indikattivi għaż-żewġ inizjattivi kienu ġew diskussi f'laqgħat preċedenti tal-grupp ta' ħidma. Il-baġit propost għall-2024 jirrappreżenta żieda ta' 2 % meta mqabbel mal-2023. Dan kien ġustifikat mill-iżviluppi inflazzjonarji ta' bħalissa fir-Reġjun u fl-UE. Dan l-ammont ser ikopri l-kostijiet operazzjonali tas-Segretarjat Permanenti u tal-organizzazzjoni tal-laqgħat tad-diversi korpi tal-Komunità tat-Trasport. Dan jirrifletti wkoll enfasi qawwija fuq attivitajiet ta' bini tal-kapaċitajiet u assistenza teknika għas-Sħab Reġjonali, filwaqt li l-appropriazzjoni għall-istudji tonqos fl-istess ħin. Il-pakkett għar-riżorsi umani jonqos bi ffit, l-istess bħal dak għall-Kunsill Ministerjali, peress li hemm biss laqgħa waħda ppjanata għall-2024.
3. Fir-rigward tal-bidliet previsti fir-regoli dwar ir-rimborż, ir-rappreżentant tal-Kummissjoni rrefera għad-diffikultajiet esperjenzati fil-passat fl-organizzazzjoni tal-ivvjaġġar u l-kopertura tal-kostijiet għall-parteċipazzjoni tal-esperti fil-laqgħat tal-Komunità tat-Trasport. L-idea kienet li r-regoli attwali għall-esperti esterni<sup>2</sup> jingħaqdu ma' dawk għar-rappreżentanti tal-Imsieħba Reġjonali<sup>3</sup>, sabiex, skont il-laqgħa kkonċernata, id-delegazzjonijiet ikunu magħmula minn massimu ta' żewġ persuni.
4. Id-delegazzjonijiet ma esprimewx tħassib. Il-Presidenza kkonkludiet li l-abbozz ta' pożizzjonijiet tal-UE kien appoġġat fil-prinċipju iżda tat lid-delegazzjonijiet żmien addizzjonali biex jiskrutinizzawhom. Wara l-laqgħa tal-grupp ta' ħidma, l-ebda delegazzjoni ma talbet li titkompla d-diskussjoni.

---

<sup>2</sup> Id-Deċizzjoni Nru 2020/05 tal-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport dwar ir-regoli dwar ir-rimborż tal-ispejjeż imġarrba minn persuni minn barra s-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport mistiedna biex jattendu l-laqgħat fil-kapaċità tagħhom ta' esperti.

<sup>3</sup> Id-Deċizzjoni Nru 2021/02 tal-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport dwar ir-regoli dwar ir-rimborż tal-ispejjeż imġarrba minn persuni barra mis-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport li huma mistiedna jipparteċipaw fil-laqgħat tal-Komunità tat-Trasport.

5. Konsegwentement, huwa ssuġġerit, soġġett għall-approvazzjoni mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, li l-Kunsill jiddeċiedi dwar il-pożizzjonijiet tal-UE fil-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali kif indikat, wara revizzjoni mill-ġuristi lingwisti,
- fir-rigward tal-baġit għall-2024, fid-dokument ST 15649/23 + ADD 1;
  - fir-rigward tar-regoli l-ġodda dwar ir-rimborż għall-parteċipazzjoni esterna, fid-dokument ST 15256/23 + ADD 1<sup>4</sup>.
6. Ladarba tiġi addottata, id-deċizzjonijiet ser jiġu ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali u l-Parlament Ewropew jiġi infurmat dwarhom.
- 

---

<sup>4</sup> Id-dokumenti mill-ġuristi lingwisti ser ikunu disponibbli mhux aktar tard mill-5 ta' Diċembru 2023, fi 15:00.